# L-GHARUSA

Hekk kif ix-xaghar tal-pinzell melsilha wiccha, Tereza ghammxet ghajnejha sabiex tassigura li l-ebda demgha ma tahrabilha. Id-daqqiet kontinwi tal-pinzell kejlu kull rokna tahraq ta' wiccha li kienet diga' qed timmagina kiesah irham. Idejha fittxew il-milja ta' saqajha u ssieltu biex ihossu l-irtubija tal-koxxtejn li kienu ser jigu mwieghda lil John. Bhal tabib fittxet il-hajja f'gisimha. Idejha bla ma riedu ezaminaw lil gisimha bhal ta' tabib ta' l-esperjenza mentri mohhha l-hin kollu baqa' jberren kif ser taghmel dan minghajr ma tintebah Jessie li kienet qed tizbhilha wiccha. F'mohhha kellha wkoll, gejja w serja, id-dehra tat-tabib itenni dejjem l-istess erba' kelmiet. B'ghajnejha maghluqin kif kienu kemmxet mohhha u regghet tenniet ix-xena tat-tabib li kull darba toqrob lejha sabiex tkun tista' thares lejn ghajnejn it-tabib dejjem ahjar. Ghal mument kien ser jaqbzilha d-dmugh izda minflok hadet nifs kbir 'il gewwa donnha biex tigbed iktar arja go sidirha u tigbed iktar hajja. Ix-xeni tat-tabib baqghu maghha, jitturmentawha, dejjem joqorbu iktar lejha, sakemm fl-ahhar rat biss hbub ghajnejh.

Izda aktar kemm kienu qed joqorbu lejha ghajnejn it-tabib iktar indunat li ma kienx qed jiccajta.

Libset iz-zarbun daqslikieku kien l-ahhar zarbun li kienet ser tilbes f'hajjitha.

Fil-knisja il-mixja sa l-artal dehret qisha t-telgha tal-Golgota. Harsitha marret fuq il-kurcifiss il-kbir ta' wara l-artal. Il-kantanta hambqet l-'Ave Maria'. Ghalkemm il-kant kien celestjali, Tereza harset minn taht lejn fejn kienet hierga dik il-vuci solenni u sehtet lill-kantanta. F'widnejha semghet biss stunar. Is-sabih instema' ikrah.

F'daqqa wahda ghajnejha iltaqghu ma' bixra li sa gurnata qabel kienet tidher anglu. John….. John kien fuq l-artal. U kien qed jistenniha! Bid-dahka. Kienet ser tinfexx tibki. Kif setghet lil dik il-persuna troddilha lura dan ta' mhabbitha? Kif kellha l-kuragg? Izda f'daqqa wahda minn miskin John sar buffu. Dak il-buffu injorant li ma jafx ir-realta'. Kif kienet hi sa gurnata qabel. Il-ferhan li ma jaf b'xejn. Ghallinqas kellu konsolazzjoni wahda! Il-flus! Ghalkemm dawn kienu ser jaslu biss mar-rimors! Xenglet rasha lagenba biex tghid le izda waqfet. Dak li kien ippjanat li jsir kellu jsir! Is-saram ma setghax jigi evitat. Billi tghid il-verita' ma kinetx ser tifred lilha nnifisha minn ma' John. Ir-rabta ta' bejniethom li kienet hadmet tant ghaliha ma setghetx titkisser daqshekk malajr. Jigri x'jigri. L-ahjar soluzzjoni kienet li taghmel dak li kellha taghmel u thalli lil John bi kwietu u tippremjah bil-flus ta' li kien ghamel maghha. Kienet ser tippostponilu wkoll id-dwejjaq tieghu b'daqs tlett xhur.

Tereza skantat hi stess kif saqajha kienu wassluha sa l-artal. Dlonk intelqet gharkubtejha donnha waqghet fuqhom. Il-pozizzjoni b'ghajnejha 'l fuq serrhitilha kemm riglejha kif ukoll qalbha. Ghajnejha ssummaw. Halqha baqa' ftit miftuh u

ma ccaqlaqx.  Id-dmugh nizel ma haddejha izda l-mistednin kollha tbissmu b'dik ir-reazzjoni naturali ta' l-gharusa li wasslet ghall-mument li tant kien ilha tixtieq.

Il-knisja kienet mimlija bi qraba u hbieb.  Kollha kienu liebsa l-kuluri.  Familja, ta' fuq ix-xoghol, ta' l-Universita' u sahansitra kontestanti ohra ta' kuntest ta' sbuhija li kien ghadha kif hadet sehem fih.  Kull persuna prezenti kienet tirraprezenta bicca minn hajjitha…. Anzi bicca sabiha minn hajjitha.  Izda donnu hekk kif l-ewwel demgha mielha lehqitilha xuftejha l-istess mistiedna dehrulha lebsin l-iswed bi kpiepel suwed.  Id-daqq tal-vjolin sar funebri.  Regghet ghammxet ghajnejha halli terga' tigi ghar-realta'.

… ic-celebrazzjonijiet ghaddew bhal holma.  Qamar il-ghasel ghadda bhal sentenza ta' habs.  Tlett xhur wara, Tereza, kif kien qal it-tabib, mietet.